## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Stephen Mike Cauchi**

Numru: 64/2019

Illum 9 ta' April 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat **Stephen Mike Cauchi,** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Michael u Maria nee' Azzopardi, imwieled New York, Stati Uniti tal-Amerika nhar it-8 ta' April 1984, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 365199(M) u residenti fil-fond numru 5, Triq Imġarr ix-Xini, Xewkija, Għawdex, akkużat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2019, għall-ħabta tal-għaxra u għoxrin minuta ta' filgħodu (10:20 hrs), waqt li kien qiegħed fi Triq tas-Salib, Xewkija, Għawdex u/jew fil-viċinanzi;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' daqqa jew daqqiet b'senter tal-kaċċa, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paolo Mercieca, anzjan ta' 87 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 41732G, hekk kif iċċertifika Dr. Faraaz Bhatti M.D. MCM No: 4355 mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 218 u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Paolo Mercieca u/jew il-familja tiegħu sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 327) datata 28 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Stephen Mike Cauchi biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) fl-Artikoli 214; 215; 216(1)(b); 216; 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) fl-Artikoli 31; 17; 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 329), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Settembru 2020, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2021 id-difiża ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2021 il-Qorti kkonċediet żmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parte ċivile u lid-difiża sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fil-5 ta' April 2021;

Rat illi l-parte ċivile ma ppreżentatx is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub għalkemm ingħatat iċ-ċans li tagħmel dan;

Rat illi d-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fit-30 ta' Marzu 2021;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu tlieta u tletin (33) xhud:

Dr. Bryen Gatt M.D. (a fol. 27 et seq.), Dr. Faraaz Bhati (a fol. 29 et seq.), PS 1061 Justin Zammit (a fol. 31 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 37 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 46 et seq.), Mr. Charles Borg (a fol. 57 et seq.), Maria Cauchi (a fol. 61 et seq.), Saviour Farrugia (a fol. 72), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 74 et seq.), PC 1365 Chris Formosa (a fol. 84 et seq.), Mr. Herman Borg Xuereb (a fol. 94 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 101), Joseph Mercieca (a fol.  117 et seq.), Tereza Mercieca (a fol. 123 et seq.), Cheryl Galea (a fol. 127 et seq.), Francienne Cauchi (a fol. 130 et seq.), WPS 100 Lorraine Grech (a fol. 138 et seq.), Maria Cauchi (a fol. 154 et seq.), PC 1248 Frankie Rapa (a fol. 162 et seq.), PC 1058 Noel Mercieca (a fol. 167 et seq.), PS 1061 Justin Zammit (a fol. 184 et seq.), l-Ispettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 186), PC 951 David Xerri (a fol. 198 et seq.), WPS 293 Michelle Marie Camilleri (a fol. 247 et seq.), AIC Cornelia Tabone (a fol. 260 et seq.), PC 1525 Patrick Farrugia u PC 1561 Ian Farrugia (a fol. 287 et seq.), Dr. Marisa Cassar (a fol. 302 et seq. ), Robert Xerri (a fol. 312 et seq.), Marlene Mejlak (a fol. 315 et seq.), John Mercieca (a fol. 321 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 334 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 336 et seq.) u Jonathan Mizzi (a fol. 342 et seq.).

**<u>Il-fatti tal-każ kif irriżultaw waqt dan il-proċess</u>**

Nhar is-sebgħa (7) ta' Ottubru 2019 filgħodu, omm l-imputat Stephen Mike Cauchi, Maria, innutat li l-ħġiega tal-karozza tat-tifel tagħha Stephen, tat-Tip Fiat bin-numru tar-reġistrazzjoni LAD 823, li kienet ipparkjata fi Triq tas-Salib, Xewkija Għawdex quddiem ir-residenza ta' Paolo Mercieca, kellha l-ħġieġa tan-naħa tax-xellug fejn ipoġġi l-passiġġier imkissra. Hi daħlet fid-dar tagħha li tinsab quddiem ir-residenza ta' Paolo Mercieca, sabiex iċċempel lill-mara tat-tifel tagħha biex tinfurmaha b'li ġara. Għas-sebgħa u kwart ta' filgħodu r-raġel ta' Maria Cauchi, Michael, infurmaha li Paolo Mercieca kien qed ikisser il-karozza ta' Stephen Mike Cauchi fejn dan kien qed jagħti b'idejh u b'saqajh fuq il-karozza.

Fuq dan l-inċident, Stephen Mike Cauchi għamel rapport l-Għassa, fejn mill-għassa ċemplu lil-Paolo Mercieca biex hu jmur l-Għassa. Il-Pulizija fil-preżenza ta' Paolo Mercieca spjegat li l-karozza ta' Stephen Mike Cauchi, kienet ipparkjata legalment u għalhekk dan kellu jħallas l-ispejjeż għall-ħsarat li kien għamel. Paolo Mercieca ma riedx iħallas l-ispejjeż u qal li ser imorru l-Qorti fuq hekk.

X'ħin Stephen Mike Cauchi rritorna fi Triq tas-Salib, Xewkija biex hu jmexxi l-karozza, għadda bil-mutur Paolo Mercieca minn fejnu u qallu biex jgħidlu kif ħa jirranġaw fuq il-kwistjoni li kienet inqalgħet filgħodu. X'ħin Stephen Mike Cauchi avviċinah, Paolo Mercieca daħal fil-post li kellu fi Triq tas-Salib, Xewkija, u ħareġ senter taż-żewġ tal-għamla St.

Etienne u ppuntah lejn Stephen Mike Cauchi. Waqt li Poalo Mercieca spara s-senter fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi, dan laħaq niżel mal-art u evita t-tir.

Minħabba biża li kien ser jerġa jisparalu, jidher li l-imputat qam b'saħħa u ħadlu s-senter minn idejh. X'ħin Cauchi ħadlu s-senter Mercieca prova jerġa jieħu s-senter lura, u għalhekk Cauchi tah daqqa bis-senter f'idejh. X'ħin Mercieca reġa prova joħodlu s-senter, Cauchi tah daqqa fuq geddumu bħala difiża.

**<u>Il-Livell tal-Prova Rikjest</u>**

Kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita' tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raġuni*". F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkużi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju

1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll*

***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[1]

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reat li bih qiegħed jiġi akkużat l-imputat u jekk tali akkuża tirriżultax ippruvata.

**Id-difiża ta' legittima difesa**[2]

Illi l-imputat qiegħed iqajjem din id-difiża ta' legittima difesa kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap 9. Illi kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-legittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid: *'Ma hemmx reat meta omicidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.'*

Illi jiġi rilevat li d-dritt tal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta'

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

[2] Il-Qorti se tibbaża l-analiżi tagħha dwar dak deċiż mill-Imħallef Edwina Grima meta kienet qegħda tiddeċiedi l-Appell Kriminali Appell Nru: 175/2015 fil-każ fl-ismijiet il-**Pulizija vs David Farrugia** deċiż fis-26 ta' Mejju, 2016

forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li għamel l-imputat, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setgħax jevita l-periklu li seta' rriżulta bl-aġir tal-aggressur salv b'dak li għamel l-imputat. Għalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-periklu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux periklu premeditat. Il-Professur Mamo jgħid:

> *'The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.'*

Illi wieħed irid ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit. Huwa importanti li l-periklu jkun attwali mhux imminenti kif jgħid u jispjega Antolisei:

> *"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il direttopreso di mira un pericolo attuale. Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rileva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Periocolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261).*

Illi fis-sentenza Il-**Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pv iv pg. 734, deċiża fis-16 ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bżonn li wieħed ikun aġixxa biex jirrespinġi xi ħsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tiegħu minn periklu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun ukoll il-linja meħuda fil-ġurisprudenza Taljana kif konfermata f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione di Roma tal-25 ta' Frar, 1978 (Analizi della Gurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale – pg. 56) *"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

Illi f'dan ir-rigward, il-liġi Skoċċiza hija simili ħafna, fil-fatt kif ġie deċiz fl-**HM Advocate vs Kizileviczius** 1983 JC (A Casebook of Scottish Law) pg. 347 – li:

> *"To reach the firstly result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping form the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Għalhekk sabiex jissussisti d-difiża ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun inġusta, gravi u inevitabbli. Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun inġusta, m'huwiex neċessarju li jkun hemm vjolenza għaliex il-Kodiċi jittratta biss fuq 'offiża'. Skont Antolisei *'l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto'.* Rigward il-gravita' o meno tal-azzjoni, Manzini fil-ktieb tiegħu Trattato di Diritto Penale (parte generale pg. 358) jgħid: *'La gustificante dell articolo 52* (li jikkorrispondi mal-artikoli 223 fil-każ tagħna) *non e affatto condizionale alla irreparabilita' del danno richiede soltanto che condizionale alla irreparabilita' del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e' d'ingiusta attesa'.*

Illi l-Professur Mamo jgħid:

> *'The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person 'irreparable' evil and the law considers as 'irreparable' and consequently gave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.'*

Illi dwar il-kwistjoni tal-inevitabilita' fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emily Zarb**, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm il-fattur tal-inevitabilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistax jingħata din l-iskriminanti. Infatti f'analiżi della Gurisprudenza Italiana (pt. 4, pg. 32 – Roma – 25/01/1898) ġie deċiż li: *'Per averci la legittima difesa non*

*basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non possa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore.'*

Illi sabiex il-periklu jfisser 'situazione inevitabile', il-periklu jrid ikun 'sudden' u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-periklu għaliex f'każ li l-periklu kien antiċipat b'ċertezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa iżda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex. Fil-fatt ġie deċiż fis-sentenza il-**Pulizija vs Joseph Micallef** (Vol. XXXIX pg.1072) li:

> *'Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lill min jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha';*

Illi fil-fatt Canofari, il-Commentario al Codice Penali delle Due Sicilie (pg. 204 – lib 11 – titole VII) dwar l-artikolu 373 tal-Codice delle Due Sicilie li jikkorrispondi għall-Artikolu 223 tal-Kap 9, jgħid:

> *'La legge e' protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita' e dal periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato'.*

L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jgħid il-Carrara (pg. 209-306 Programma):

> *'Cioe' che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghriere, all' acclamazione della fuga.'*

**KONKLUŻJONIJIET**

Il-Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha spjegat li mill-istħarriġ li kien sar dakinhar mill-pulizija kien gie stabbilit li l-uniċi persuni li raw dan il-każ, kienu l-istess persuni li kienu involuti fih, jiġifieri l-imputat Stephen Mike Cauchi u Paolo Mercieca. Fil-proċeduri li saru quddiem din l-Qorti, ta x-xhieda tiegħu biss l-imputat Stephen Mike Cauchi, iżda waqt l-investigazzjonijiet iż-żewg partijiet taw il-verżjoni tagħhom lill-pulizija. F'dawn il-verżjonijiet, filwaqt li ż-żewġ partijiet jaqblu li l-arma hija ta' Paolo Mercieca, li ma' jaqblux dwaru hu l-fatt min spara l-arma, għaliex filwaqt li Stephen Mike Cauchi qiegħed jgħid li Paolo Mercieca spara fid-direzzjoni tiegħu, min-naħa tiegħu Paolo Mercieca qiegħed jgħid li hu ħareġ bl-arma biex ibeżża lil Stephen Mike Cauchi, u li l-arma sparat meta huma kienu qegħdin jissieltu biex jieħdu l-arma minn idejn xulxin. F'dan il-mument skont l-imputat Stephen Mike Cauchi, meta l-arma ġiet f'idejh, Paolo Mercieca ipprova jerġa jaggredih u hu prova jiddefendi ruħu billi tah daqqa jew daqqiet bis-senter, sakemm Mercieca ntilef minn sensih. Minn naħa tiegħu fl-istqarrija li kien ta lill-pulizija Paolo Mercieca kien qal li meta ħataf is-senter minn idejh, Cauchi kien qabad itih bih.

L-Ispettur Bernard Charles Spiteri, meta mistoqsi dwar il-verżjonijiet li taw Mercieca u Cauchi, huwa wieġeb li "*aktar hassejt li hija kredibbli l-verzjoni ta' Cauchi ghax anke kif inhu angolati t-tir, aktar hassejt li taghmel sens il-verzjoni li tana Cauchi ghax Cauchi qal li hareg minn hawn, minn dak*

*il-bieb u hu kien qieghed hawn u sparalu t-tir jinsab angolat hawnhekk fil-bieb hemmhekk".*[3]

Il-Prosekuzzjoni temmet in-Nota tagħha fejn qalet li *"filwaqt li ma hemmx dubju li l-vittma Paolo Mercieca kien soffra griehi gravi waqt l-argument li kien sehh fi 7 t'Ottubru 2019 wara li kien gie aggreddit minn Stephen Mike Cauchi, li jrid jigi stabillit hu jekk dan kienx kaz ta' legitima difiza jew le."*

Id-difiża temmet tgħid li: *"Meta wiehed ihares lejn il-fatti b'mod oggettiv u jpoggi ruhu fiz-zarbun ta' Cauchi f'dawk ic-cirkostanzi, kemm mentalment u fizikament, fejn kien hemm possibilta kbira li jitlef hajtu bid-dellitt ta' Paolo Mercieca, wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni li r-reazzjoni kienet wahda legittima u dana minhabba l-biza ghall-hajja tieghu."*

L-artiklu 223 fuq id-difiża leġittima, tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li:

> *"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor"*

Huwa ta' importanza kbira għal din il-Qorti dak li xehed l-imputat dwar il-mument meta Mercieca ppunta lejh is-senter:

> *"Qisni dort zewg passi warajh u hu pass hafif fetah il-bieb tar-residenza l-antika li kellu, qrib fejn kienet ipparkjata l-karozza u b'igri*

[3] a fol 56

*b'igri hareg senter minn wara l-bieb. Dan is-senter kien taz-zewg. Beda mixi leja. Kulma ghamel zewg passi ghax konna qrib ta' xulxin. Meta gie qisu qrib ta' metru mieghi u gholla l-kanna ghal ma rasi. Jien dak il-hin frizajt. Imbaghad bdejt nara idu tissokka ghal mal-grillu u dak il-hin mohhi klikkja u ghidt jekk nahrab nigri ser joqtolni zgur. U tbaxxejt. Appena kif tbaxxejt spara t-tir. Kif spara l-ewwel tir ghidt dan baqalu tir."*[4]

Il-Qorti li għexet dan il-proċess tifhem ir-reazzjoni tal-imputat għall-aġir ta' Mercieca riżultat tal-isparatura mis-senter.

L-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** jipprovdi li x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibbilta'.

Illi hawn si tratta ta' aggressjoni mill-*parte civile* Mercieca. Din kienet aggressjoni mingħajr ġustifikazzjoni jew skużanti. U ma għandhiex tiġi tollerata f'soċjeta' ċivili. Mhux sew li persuna, li tagħmel ilment ġustifikat minħabba ħsara kif għamel l-imputat Cauchi qabel dan l-inċident tiġi aggredita b'arma tan-nar.

Il-Qorti rat li dak li għamel Cauchi għandu jitqies bħala leġittimu minħabba periklu inġust, gravi, inevitabbli u serju kontra ħajtu.

---

[4] a fol 60

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |